**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (9)

Inkomplu bl-intervista ma' Ġużeppi Formosa (In-Niger) li kont għamiltlu fis-26 ta' Ottubru 80. Minkejja li Ġużeppi, illum b'sieq waħda, ta' kultant għadu jinżel il-Ponta biex jiltaqa' ma' sħabu. Fissilta tal-lum Ġużeppi se jkompli jirrakkonta t-tiġrijiet sbieħ ta' bejn iż-żewġ gwerer. Meta staqsejtu dwar il-pika u rivalitá fost id-distretti taż-żewġ portijiet qalli hekk:

"…. Ir-rivalitá bejn iż-żewġ portijiet kienet teżisti fiż-żmien missieri u qablu wkoll. Din il-pika kompliet tiħrax u titħeġġeġ aktar fost il-barklori matul il-medda taż-żmien, meta kull distrett, fi żminijiet differenti beda jikseb is-suċċessi tiegħu fir-Regatta, u allura għadda minn żmien ta' glorja.

"Missieri kien jgħid li Marsamxett u t-tliet ibliet tal-Kottonera kienu mpikati ma' xulxin fil-korsi l-kbar – iżda bejna u Marsamxett il-pika tagħna kienet fil-korsa tal-Ferilli. Kif għedtlek, min minnha kien joħroġ l-ewwel u jirnexxielu jieħu vantaġġ sostanzjali fuq ta' warajhom ħafna drabi kien jibqa' tiela' l-ewwel għax l-ieħor kien jieqaf f'nofs il-korsa. Mhux l-ewwel darba li l-aħjar żewġ Ferilli, waħda tagħna u l-oħra tagħhom kienu joħorġu flimkien u jibqgħu telgħin flimkien ras-imb'ras - hawnhekk ħoll xagħrek u ġieb iż-żejt, għax id-dħul tagħhom kien iġib miegħu ħafna għlied fost il-partitarji avversarji fuq l-art u l-baħar.

"Kif għedtlek, dak iż-żmien il-kanal ma kienx ikun magħluq kif narawh llum, bl-inġenji tal-baħar jorbtu mal-planki fuq naħa waħda, iżda kien ikun magħluq fuq iż-żewġ naħat biss, iżda opri setgħu faċilment jidħlu fil-kanal min-naħa tad-dwana mal-ewwel sinjal tal-għlied.

"Mhux hekk biss, iżda ġieli dgħajjes mimlijin bin-nies daħlu fil-kanal biex ifixklu lill-Ferilla, Dgħajsa jew Kajjikk li tkun fuq quddiem.

Jien qatt ma ngħid li Marsamxett kienu aħjar minna, iżda li kieku t-tluq kien isir kif isir illum, kieku żgur ma ħadux nofs il-paljijiet. Jien naf x'jiena ngħid għax kont nieħu sehem!



Id-Dghajsa ta' Bl-Erbgha tal-Isla tidher diehla l-ewwel fl-1937

"Minn jaf kemm-il darba kelli xi ngħid ma' Karmnu Saliba - Il-Krajm ... minkejja kien qaddief tajjeb ħafna ta' Marsamxett u rival tiegħi fil-Ferilli konna ħbieb ħafna.

"Bħalissa qed niftakar fil-Ferilla Fort Saint Michael li kienet rebħet il-palju sena fl-1922 – niftakar li l-ekwipaġġ tagħha kien Salvu Formosa (Il-Pa Sal), l-aħwa Pawlu u Xandru Chircop (l-Isnopp-ijiet) u Karmenu Cachia (il-Kaxu).

"Kienet Ferilla mibnija apposta għat-tiġrija u l-ekwipaġġ tagħha kien fost l-aqwa li kellna. Iżda aħna kellna Ferilli oħra – il-Ħadra, Santa Marija, Marija Bambina (Fancy), is-Sirena u Nona.

"Barra dawn kellna oħra li konna nsejħulha x-Xiħa, għax kienet Ferilla antika u li konna xtrajnieha minn Għawdex. Din il-Ferilla kienet rebħet il-palju fl-1908! Niftakar li konna morna għaliha jien u Karmnu l-Kaxu u magħna kellna wkoll l-aħwa Chircop … konna xtrajnieha mix-Xlendi u ġibnieha marbuta mal-vapur ta' Għawdex mill-Imgarr – m'iniex ċert, iżda jidhirli li xtrajnieha 4 jew 5 Liri.

"Kienet Ferilla miżbugħa sewda u sidha kien qalilna li kienet ta' missieru li kien mejjet - minħabba hekk konna semmejnieha x-Xiħa. Jien ġerrejt biha xi tliet darbiet, imbagħad kien xtraha ċertu Busuttil mill-Kalkara li kien armat bihom …"

*Semmejtli l-Ferilli 'Fancy' … dawn kienu Ferilli mibnijin għat-tiġrija?*

"… iva, dawn il-Ferilli kienu ħfief ħafna aktar mill-Ferilli tax-xogħol. Jien nismagħhom jgħidu li l-Ferilli kienu jieħdu sehem bihom fl-ewwel tiġrijiet li saru fil-port ħafna snin ilu.

"Il-Ferilli tax-xogħol kienu qishom dgħajjes kbar iżda jintużaw għas-sajd … fuqhom kienu jġorru kollox, minn laħam sa ħaxix għal bastimenti tat-tagħbija li kienu jsorġu fix-xatt il-Belt kif ukoll għan-nies li kienu jaħdmu fuqhom.

"Wara l-Ewwel Gwerra l-Kbira tal-1914, il-pika bejn Marsamxett u l-Isla kompliet tiħrax, biż-żewġ distretti jibnu Ferilli ġodda kważi kull sena. Dak iż-żmien la kien jeżistu qisien u lanqas piż, u għalhekk il-bennejja ta' l-opri tal-baħar bdew iraqqu l-injam.

"Għall-ewwel ħadd ma ta' kas, iżda meta fl-1922 inbnew l-ewwel Ferillli 'Fancy' u niżlu għall-provi fil-kanal, il-Beltin ma ridux jaqdfu magħna.

"L-istorja ta' tmiem din il-korsa issa tafha tajjeb! Meta wara l-gwerra din it-tiġrija regħet ġiet introdotta mill-ġdid fir-Regatta u l-Isla bdiet tieħu sehem waħidha biż-żewġ Ferilli 'Fancy' Fort Saint Michael u Marija Bambina, id-distretti l-oħra ma riedux jieħdu sehem fiha, għalhekk intilef l-interess fiha u mietet mewta naturali …"

*Dwar il-Kajjikki t-twal - veru li l-Isla kienet tiddomina din it-tiġrija? … qaluli li Bormla kellhom Kajjikk li ħadd ma seta' jwaqqfu?*

"… fil-korsa tal-Kajjikki t-Twal aħna konna fost l-aqwa. M'iniex qed ngħid li aħna konna aħjar mid-dak id-distrett jew l-ieħor … aħna erbaħna dan il-palju bosta drabi bil-Kajjikki San Filippu, Portu Salvu u l-Flying Dutchmen.

"Aħna kellna Kajjikki oħra, niftakar meta kont għandi tifel kellna Kajjikk li kien jismu Martinu, oħrajn inbnew wara bħal Flying Fish, St Anthony, u Anġlu.

"Ma' dawn kellna oħrajn!. F'din il-korsa kienu jieħdu numru kbir ta' Kajjikki. Niftakar li ġieli nżilt il-Ponta u rajt tmien Kajjikki lesti għat-tiġrija. F'din it-tiġrija ġieli ħadu sehem 20 Kajjikk, il-biċċa kbira minnhom mill-Isla, Bormla u Marsamxett. Staqsejtni kemm konna tajbin … u għedtlek, ġieli rbaħna dan il-palju tliet darbiet infila u meta ma dħalniex l-ewwel, dħalna fit-tieni u fit-tielet post. L-aqwa ekwipaġġ li kellna f'dawn il-Kajjikki fis-snin 20 kien l-istess ekwipaġġ li kien rebaħ il-palju tal-Ferilli fl-1922.

"L-isfida għal dan il-palju kienet diversa, kemm mill-Kajjikk San Pietru ta' Bormla, San Lawrenz tal-Birgu u San Ġużepp tal-Kalkara … veru, il-Bormliżi kellhom Kajjikk tajjeb ħafna li warajna beda jiddomina din il-korsa … dan kien il-Kajjikk San Pietru ta' Bilonju…"

*Semmejna kull kategorija ta' dgħajjes minbarra dik tal-Midalji … kontu tajbin daqs Bormla u Marsamxett f'din il-korsa?*

"… iva … f'tal-Midalji konna nħabbtuha ma' Marsamxett u Bormla … illum meta ssemmi Marsamxett tkun qed issemmi lill-Belt biss, iżda sa qabel il-Gwerra l-Kbira, mal-Belt kienu jieħdu sehem barklori u opri mill-Imsida, Pietá, Gżira, sal-Giljan u tas- Sliema - sitt lokalitajiet impikkati bejniethom min minnhom jirbaħ il-palju, waqt li aħna tal-Port il-Kbir, bi għlieda bejnietna liema distrett kien l-aktar qawwi u kapaċi jkisser lit-tnejn l-oħra. Aħna konna narmaw id-dgħajjes tagħna bl-aħjar qaddiefa li kellna, u għalkemm ma rnexxilniex nirbħu ħafna paljijiet konna nagħtu tiġrija iebsa lir-rebbieħa ta' kull tiġrija.

"Semmejtlek l-ekwipaġġ ta' Salvu l-Pa Salv, l-aħwa Chircop u Karmnu l-Kaxu. Dan l-ekwipaġġ tant kien tajjeb li meta saret dgħajsa tal-Midalji ġdida, l-imgħallem li bniha kien żamm id-dritt li jagħżel hu l-ekwipaġġ li jġerri biha – l-għażla tiegħu kienet l-erba' qaddiefa li semmejtlek.

Fl-1913, dan l-ekwipaġġ mhux biss rebaħ dan il-palju, iżda kisser id-dominanza Beltija li bid-dgħajsa Nazzarenu kienet rebħet it-tiġrija tal-Imħatra li kienet saret ma' Bormla fl-1907 fil-Port ta' Marsamxett.

"Dan l-ekwipaġġ reġa' rebaħ dan il-palju fl-1920 … aħna bdejna nirbħu t-tiġrija tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa fl-1937, u bqajna nirbħu dan il-palju anke fis-snin 50 …'

*ikompli f'ħarġa oħra*